**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U TLETIN**

**11 ta' Frar, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-7.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, Dr Claudio Zammit, s-Sur Dino Bonnici, Pierre Farrugia, is-Sur Vincent Marmara u s-Sur Kevin Sam Farrugia.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera s-Sur Raymond Grixti u David Abdilla nfurmaw li minħabba x-xogħol u minħabba mard (rispettivament) ma setgħux jattendu għas-seduta tal-lum. **Dok 1. u 2** mehmuża.

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita' ma attendiex.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**35.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

35.1.1 Il-minuti ta' seduta 34 ġew approvati.

***35.2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra u tal-laqgħa Annwali taż-żona ta' Bubaqra.***

35.2.1 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 9 li inżammet fis-3 ta' Frar , 2015, u l-minuti tal-laqgħa annwali li saret fl-istess jum ġew approvati.

35.2.2 Il-minuti tas-seduti tas-sotto kumitat Anzjani li nżammet fit-28 ta' Jannar, 2015 ġew approvati.

**35.3** ***Approvazzjoni tal-Minuti Gal Xlokk /Reġjun Nofsinhar***

35.3.1 Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati.

***35.4*** ***Komunikazzjoni mis-Sindku***

35.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Financial Statements għas-sena li tagħlaq 2014, li ġie mħejji mill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Joseph Azzopardi.

Ir-rapport ġie approvat biex jitressaq lill-awtoritajiet ikkonċernati.

35.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq it-talba li ghamel is-Sur Clifford Vella, għall-permess biex ipoġġi l-arma taż-Żurrieq f'key chain li ma' naħa minnhom ser ikollha l-Mitħna tax-Xarolla.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti permess li jsiru il-keychains bil-Mitħna tax-Xarolla fuq naħa u fuq in-naħa lo-oħra jkun hemm l-arma taż-Żurrieq.

Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jiġbor stimi ta' key chains simili biex iqabbel minn fejn l-aħjar jordna.

35.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq talbiet ta' manutenzjoni ta' bankini.
Triq Joseph L Zerafa, Vjal ix-Xarolla u Triq l-Imqabba. Kien hemm qbil li tinħareġ l-ordni għax-xogħol.

35.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq it-tiġdid tal-poloz tal-assigurazzjoni tal-flus fl-uffiċċju tal-Kunsill u tas-saħħa tal-impjegati u Kunsilliera, u fuq tiġdid fuq il-'Performing right society Ltd'. Kien hemm qbil li jsir it-tiġdied meħtieġ u li tinġabar aktar informazzjoni fuq l-assigurazzjoni tal-Kunsilliera u fuq il-Performing right society Ltd.

***35.5*** ***Ilmenti li tqajmu mil-Laqgħa Annwali tal-lokalita'***

35.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ressqet ir-rapport amministrattiv tas-sena 2014. Fil-laqgħa annwali tal-komunita' ma attenda l-ebda resident.

***35.6*** ***Alterazzjoni fi Ġnien l-Istudent Adrian Borg***

35.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti (**DOK 3 mehmuż)** li ħejja resident/Perit Tihomir Georgiev fuq alterazzjonijiet fi ġnien l-Istudent Adrian Borg, għall- attenzjoni tal-Kunsill. Hi infurmat li jekk il-Kunsill

jaqbel il-Perit Georgiev hu lest li japplika mal-Mepa f'isem il-Kunsill, bla spejjeż. Hi infurmat ukoll li waqt laqgħa li kellha hi u s-Sindku mal-istess Perit u ma' rappreżentant mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, kien hemm qbil ukoll li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni kien ser jagħmel l-alterazzjonijiet kollha bi spejjeż għall-istess dipartiment u l-Kunsill ma jidħol fl-ebda spejjeż.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill jew il-Ministeru għall-Edukazzjoni jew l-istess Perit involut f'dan il-każ jiġbru l-permessi meħtieġa sabiex is-siġar li jinsabu fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ġnien imsemmi jinżabru tant li l-friegħi ma jibqgħux fuq il-passaġġ li hemm fl-istess ġnien.
Wara li ssir iż-żabra bil-permessi meħtieġa, l-Kunsill jkun f'pużizzjoni li jerġa jiddiskuti l-proġett.

### *35.7 Vakanza ta' skrivan/a fuq skala 15*

35.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li minħabba li l-impjegat Robert Attard twaqqaf mill-Kunsill waqt il-probation, ser titlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-permess biex jibdew il-proċeduri biex timtela l-vakanza.
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet data u ħin ta' meta l-Kunsilliera jkunu jistgħu jattendu għall-interviews. Minħabba li ħadd minn dawk preżenti ma offra ġurnata, kien hemm qbil li l-interviews isiru qabel is-seduta li jmiss u l-ġurnata issir bi qbil bejn is-Segretarju Eżekuttiv u bejn is-Sindku, jiġu nfurmati l-Kunsilliera kollha ħalli min ikun irid jattendi jkun infurmat.

### *35.8 Trasport Pubbliku – Kamra fejn il-Venda f'Misraħ Mattia Preti*

35.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet abbozz ta' kuntratt li Transport Malta ser tagħmel ma-Kunsill fuq kamra fejn il-venda f'Misraħ Mattia Preti. Dok 4 mehmuż. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill Lokali għandu l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern lokali biex jiġi ffirmat.
Kien hemm qbil li dan ikun iffirmat fl-immedjat biex jinbdew il-proċeduri sabiex tali kamra tibda tintuża. **Dok 4. mehmuż.**

F'dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Vincent Marmara 19:45

35.9 ***Tiġdid ta' Kuntratti:***
***PC67/06/13 – Cleaning and Attendance of Public Convenience in an Environmentally friendly Manner***

35.9.1 Kien hemm qbil li dan il-kuntratt ikun imġedded minħabba li s-servizz mogħti hu aċċettabli u l-Kunsill m'għandux ilmenti fuqu.

35.10 ***Sejħiet ġodda għall-Offerti tal-Kuntratti:***
***Maintenance of Pavements, Retaining Walls and culverts works; Street Sweeping and Cleaning Services; Maintenance of Public Garden Lighting Systems and Ancillary Services;***
***Kwotazzjoni għas-servizz ta' Accountant***

35.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsillittra li l-kuntratti hawn fuq indikati waslu biex jiskadu u hemm bżonn li jinħarġu s-sejħiet għall-offerti.
Kien hemm qbil fuq dan u li l-offerti jagħlqu qabel is-seduta li jmiss ħalli jkunu jistgħu jiġu aġġudikati qabel din il-leġiżlatura, biex ix-xogħol/servizz ma jiqafx.

35.11 ***Approvazzjoni: Xogħlijet u Servizzi***

35.11.1 Is-Sindku qal li l-ħarġa tal-anzjani li jmiss ser tkun fl-24 ta' Frar u din id-darba ser tkun f'San Antonio Hotel.

35.11.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa biex il-quarterly report jibda jkun ippubblikat fil-Kunsill News ħalli r-residenti jkunu infurmati bih. Is-Sindku qal li l-Kunsill News joħodlu ħafna enerġija u ma jħossx li għandu jikkommetti ruħu li dan jibqa jsir kif sar f'din il-leġiżlatura u li dan is-suġġeriment għandu jkun diskuss f'leġiżlatura oħra.

35.11.3 Il-Kunsillier Dino Bonnici ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill ta' M'Scala dan l-aħħar kien fuq l-aħbarijiet biex jinawgura *out door gym* li minn informazzjoni li għandu ma kienx iffinanzjat kompletament mill-Kunsill imma minn xi għajnuna tal-Gvern. Il-Kunsillier Dino Bonnici talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiġbor l-informazzjoni ħalli l-Kunsill ikun jista jerġa jibgħat jitlob għall-għajnuna mill-Ministeru għall-isport.

Kien hemm qbil fuq dan.

35.11. Il-Kunsillier Dino Bonnici talab li jsir dog bin fi Triq il-Karmnu. Kien

4 hemm qbil li l-Kunsillier jistaqsi minn kien lest li jaċċetta tali dog bin viċin ir-residenza tiegħu u l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jitwaħħal jekk tali resident jaċċettah.

35.11.5 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li:

- fi Triq il-Wied inqalbu xi knatan fis-central strip. Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb li jitkellem mal-ħaddiema tal-IPSL biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.
- Hemm bżonn li jitħawlu siġar f'bankina li hemm fuq wara ta' Ġnien il-Ġibjun
- Is-Sindku qal li tali siġar diġa ġew ordnati u ser iħawwluhom tal-ELC
- Hemm bżonn li faċċata ta' garaxx kbir li jintuża minn 12 –il persuna fi Triq Sant Andrija, jsiru double yellow lines għax il-vetturi ma jkunux jistgħu joħorġu minħabba li qed jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat.
- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li jkun hemm bżonn li jittieħdu l-qisien tal-wisa tat-triq u ritratt tal-faċċata tal-garaxx, qabel ma l-Kunsill japplika għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Kien hemm qbil li ser jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.
- Issuġġerixxa li jitwaħħal dog bin fi Triq Don Carlo Degiovanni Inglott. Kien hemm qbil fuq dan.
- Isir refresh tal-marki quddiem Bronze Bar f'Misraħ Repubblika. Kien hemm qbil fuq dan.
- Ġibed l-attenzjoni li t-tabella ta' un/loading li kien hemm f'MisraĦ Repubblika inqalgħet u minflokha talab li l-parkeġġ ikun ta' massimu ta' 15 jew 10 minuti minflok ta' 3minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tabella diga ġiet ordnata b'ħin ta' massimu ta' 5 minuti. Kien hemm qbil li tintalab estenzjoni tal-ħin, iżda t-tabella l-ġdida titwaħħal xorta.
- Staqsa jekk is-CCTV tal-misraħ hux qed taqbad lil dawk li jgħaddu wrong way minn Triq San Mikiel. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja u tinforma lill-Kunsill.

35.11.6 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa:

- li jsir traffic management fi Triq Sant Andrija k/m Vjal l-Indipendenza. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ, sabiex jitressaq għall-approvazzjoni ta' TM.
- Li tinbidel lapida li tfakkar 'Jum iż-Żurrieq' u li tinsab fi Ġnien Adrian Borg minĦabba li tinsab imkissra. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

35.11.7 Il-Kunsillier Pierre Farrugia nforma lill-Kunsill li fi Triq Wied Babu xi ħadd immarka *yellow box* kbira quddiem residenza u li mhix approvata minn Transport Malta. Is-Sindku qal li l-*yellow box* imsemmija saret bl-approvazzjoni tiegħu, minħabba li r-resident bħalissa jinsab marid u jkollu bżonn juża l-ambulanza ta' spiss. Is-Sindku żied jgħid li dan għamlu fuq

bażi umanitarja.
Il-Kunsilliera Pierre Farrugia u Dino Bonnici ma qablux mal-attitudni tas-Sindku u infurmaw li xorta hemm il-bżonn li tali azzjoni tkun approvata minn Transport Malta. Is-Sindku nforma li ser jitkellem ma' Transport Malta biex iġib il-permess meħtieġ.

35.11.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-Sinjura Mananni Grixti (li tie)u ħsieb it-tindif tal-uffiċċju tal-Kunsill, tal-librerija u ta' Dar Mattia Preti) ilha indisposta mill-24 ta' Diċembru. Ix-xogħol li kienet qed tagħmel hi qed jieħu ħsieb jagħmlu wieħed mill-ħaddiema tal-ETC assenjati mal-Kunsill.

35.11.9 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet fuq it-trasport li qed jintuża mill-Kunsill kemm għall-bżonnijiet li jkollu s-Sindku u kemm għall-ħarġiet tal-anzjani li jsiru kull xahar. Is-Sindku ma qabilx ma dan u qal li s-servizz li l-Kunsill qed juża bħalissa u li ilu jużah għal dawn l-aħħar 20 sena dejjem kien tajjeb.
Kien hemm qbil li jinġabru kwotazzjonijiet għat-trasport li juża s-Sindku miż-Żurrieq għal Ħal Qormi biex jattendi l-laqgħat tar-Reġjun Nofsinhar.

35.11.10 Il-Kunsillier Dino Bonnici talab lis-Segretarju Eżekuttiv titlob linja gwida fuq l-ambaxxatur taż-żgħażagħ, li qatt ma jattendi għas-seduti tal-Kunsill. Hi infurmat lill-Kunsill li dejjem jiġi nfurmat bis-seduti u ma javżax li ma jkunx ser jattendi. Kien hemm qbil li tintalab linja gwida.

**35.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

35.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €47,677.04.

.

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia, mill-Kunsilliera Pierre Farrugia u Kevin Sam Farrugia.

**35.13 Data tas-seduta li jmiss.**

35.13.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-8.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu, 2015, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2015

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**